Il-Kummissjoni Ewropea

# Ħidma għal Unjoni ta' Ugwaljanza

## L-istrateġija għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020–2025

Marzu 2020
#UnionOfEquality



*"L-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija prinċipju ewlieni tal-Unjoni Ewropea, iżda għadha mhix realtà. Fin-negozju, fil-politika u fis-soċjetà ġenerali, nistgħu nilħqu l-potenzjal sħiħ tagħna jekk nużaw it-talent u d-diversità tagħna kollha. Jekk nużaw biss nofs il-popolazzjoni, nofs l-ideat jew nofs l-enerġija, mhux biżżejjed."*

*Il-President Ursula von der Leyen*

Ħidma għal Unjoni ta' Ugwaljanza tfisser Unjoni fejn in-nisa u l-irġiel, il-bniet u s-subien kollha, fid-diversità kollha tagħhom — ikunu ugwali. Dan huwa impenn konġunt mill-partijiet interessati kollha. **L-Istrateġija tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020–2025** tistabbilixxi viżjoni, objettivi ta' politika u azzjonijiet biex isir progress konkret dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Ewropa u lejn il-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

## F'EWROPA B'UGWALJANZA BEJN IL-ĠENERI...

### ... aħna LIBERI biex insegwu t-triq li nagħżlu għal ħajjitna.

Bħalissa



**33% tan-nisa** fl-UE esperjenzaw **vjolenza fiżika u/jew sesswali**



**22% tan-nisa** fl-UE esperjenzaw **vjolenza minn sieħeb intimu**





**55% tan-nisa** fl-UE sofrew fastidju sesswali u huwa aktar probabbli li n-nisa **jesperjenzaw fastidju sesswali online** mill-irġiel

## Dan se jiġi indirizzat b'azzjonijiet konkreti, inkluż:

- it-twaqqif għan-nisa u l-bniet minn **vjolenza u fastidju** abbażi ta' sess
  - bl-iżgurar li l-UE taderixxi mal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, jew permezz ta' miżuri legali alternattivi biex jinkisbu l-għanijiet tal-Konvenzjoni
  - billi jiġi ċċarat ir-rwol tal-pjattaformi tal-internet biex jiġi indirizzat il-kontenut illegali u ta' ħsara biex l-internet ikun sikur għall-utenti kollha
  - billi ntejbu l-għarfien tagħna u niġbru *data* minn madwar l-UE dwar il-prevalenza tal-vjolenza u l-fastidju abbażi ta' sess
- u li jiġu sfidati **l-isterjotipi tas-sessi fis-soċjetà**
  - bit-tnedija ta' kampanja ta' sensibilizzazzjoni madwar l-UE, li tiffoka fuq iż-żgħażagħ

## ... għandna opportunitajiet indaqs biex NIRNEXXU fis-soċjetà u fl-ekonomija.

### Bħalissa



In-nisa fl-UE jaqilgħu medja ta' **16% inqas** mill-irġiel kull siegħa



**67% biss** tan-nisa fl-UE huma impjegati, meta mqabbla ma' **78%** tal-irġiel



Bħala medja, il-pensjonijiet tan-nisa huma **30.1%** inqas mill-pensjonijiet tal-irġiel.



**75%** tal-kura mhux imħallsa u x-xogħol domestiku jsir min-nisa

## Dan se jiġi indirizzat b'azzjonijiet konkreti, inkluż:

- l-iżgurar li n-nisa u l-irġiel jirċievu **l-istess paga** għall-istess xogħol u għal xogħol ta' valur ugwali.
  - billi jitressqu miżuri vinkolanti dwar it-trasparenza fil-pagi sa tmiem l-2020
- li r-regoli tal-UE dwar **il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata** għan-nisa u l-irġiel jaħdmu fil-prattika
  - billi jiġi żgurat li l-Istati Membri jittrasponu u jimplimentaw ir-regoli
  - bil-promozzjoni ta' użu ugwali tal-liv tal-familja u ta' arranġamenti tax-xogħol flessibbli
- titjib fl-aċċess għal **servizzi ta' kura tat-tfal** ta' kwalità għolja u affordabbli u ta' **servizzi oħra ta' kura**
  - permezz ta' investiment f'servizzi ta' kura u l-adozzjoni ta' Garanzija Ewropea għat-Tfal



## ... nistgħu **NMEXXU** u nipparteċipaw b'mod ugwali fl-ekonomija u s-soċjetà tagħna.

### Bħalissa:



**7.5%** biss tal-presidenti tal-bordijiet u **7.7%** tas-CEOs **huma nisa**



**22%** biss tal-programmers tal-intelliġenza artifiċjali **huma nisa**



**39%** tal-Membri tal-Parlament Ewropew **huma nisa**

### Dan se jiġi indirizzat b'azzjonijiet konkreti, inkluż:

- it-titjib fi-bilanċ bejn in-nisa u l-irġiel f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet, inkluż fuq **bordijiet ta' kumpaniji** u **fil-politika**
  - billi jiġu adottati miri għall-UE kollha dwar il-bilanċ bejn il-ġeneri fuq il-bordijiet korporattivi
  - billi titħeġġeġ il-parteċipazzjoni tan-nisa bħala votanti u kandidati fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2024
- il-parteċipazzjoni aktar bilanċjata bejn in-nisa u l-irġiel fis-setturi kollha tax-xogħol tiġi mħeġġa għal aktar **diversità fil-post tax-xogħol**
  - bil-promozzjoni tal-Pjattaforma tal-UE tal-Karti dwar id-Diversità fis-setturi kollha
  - billi nindirizzaw id-differenza bejn il-ġeneri fil-qasam diġitali fi Pjan ta' Azzjoni aġġornat dwar l-Edukazzjoni Diġitali

## L-ISTRATEĠIJA TAL-UGWALJANZA BEJN IL-ĠENERI TFISSER UKOLL...

**... l-integrazzjoni tal-perspettiva ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri** = inkluża perspettiva ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-oqsma kollha ta' politika, fil-livelli kollha u fl-istadji kollha tat-tfassil tal-politika. **Pereżempju**:

- Il-ħtiġijiet, l-isfidi u l-opportunitajiet speċifiċi f'setturi differenti, bħat-trasport, l-enerġija u l-agrikoltura, se jiġu indirizzati fi ħdan l-azzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

- Il-Kummissjoni se tindirizza d-dimensjoni tas-sessi fl-inizjattivi ewlenin tagħha li jirrispondu għall-isfidi Ewropej bħat-tibdil fil-klima u d-diġitalizzazzjoni.

**...intersezzjonalità** = In-nisa kollha huma differenti u jistgħu jiffaċċjaw diskriminazzjoni abbażi ta' għadd ta' karatteristiċi personali. Pereżempju nisa migranti b'diżabilità jistgħu jiffaċċjaw diskriminazzjoni fuq tliet bażijiet.

- L-intersezzjonalità tas-sess ma' raġunijiet oħra għal diskriminazzjoni se jiġu indirizzati fil-politiki tal-UE.

- **... u finanzjament iddedikat għal futur ugwali għas-sessi**

Fil-baġit li jmiss tal-UE (2021–2027), il-proġetti relatati mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri se jiġu appoġġati u ffinanzjati permezz ta' għadd ta' programmi tal-UE: minn għotjiet iddedikati taħt il-Programm taċ Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri sal-fondi l-kbar strutturali, soċjali u koeżivi tal-UE.



Print ISBN 978-92-76-16443-2 doi:10.2775/02916 NA-04-20-118-MT-C
PDF ISBN 978-92-76-16387-9 doi:10.2775/793493 NA-04-20-118-MT-N